**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Aboubaker Traore**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Aboubaker Traore, ta' 24 sena, Nazzjonalita Guinea, iben Mory Traore u Makone, imwieled Keromene - Guinea nhar id-9 ta' Jannar, 1999, prezentament bla residenza fissa u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19II-053

Akkuzat talli fis- 27 ta' Gunju, 2023 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;;

1. Uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi , għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’ dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta’ Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta’ sentejn prigunerija u hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11, 646.87) u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputati wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Ghalkemm l-imputat ilu jghix Malta mill-2019, il-fedina penali tieghu hija wahda netta.

10. Ikkunsidrat ukoll li ghal fini ta' piena, l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

11. Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tosservax is-serjeta tar-reati li taghhom l-imputat ammetta li huwa hati. Fis-sentenza **The Police vs David Abekunde et** deciza fid-9 ta' Gunju 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet illi:

*"The Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence ... ... This Court is of the view that as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect and that always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to a very myopic view of the whole issue of border security… …"*

12. Pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun wahda lejn il-minimu.

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**